DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 68/2016

tad-29 ta' April 2016

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE [2017/2018]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1554 tal-11 ta' Settembru 2015 li tistipula regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2006/88/KE fir-rigward tar-rekwiżiti għall-metodi dijanjostiċi u ta' sorveljanza [1] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1554 tirrevoka d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/183/KE [2], 2002/878/KE [3] u 2003/466/KE [4], li huma inkorporati fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentament għandhom jiġu revokati taħt il-Ftehim ŻEE.

(3) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji. Il-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji ma tapplikax għal-Liechtenstein dment li l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tiġi estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.

(4) Għalhekk, l-Anness I tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 8a (id-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE) fil-Parti 3.1 tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE:

"8b. **32015 D 1554**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1554 tal-11 ta' Settembru 2015 li tistipola regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2006/88/KE fir-rigward tar-rekwiżiti għall-metodi dijanjostiċi u ta' sorveljanza (ĠU L 247, 23.9.2015, p. 1)."

2. It-testi tal-punt 29 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/466/KE), fil-Parti 3.2 u l-punti 63 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/183/KE), 68 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/878/KE) u 73 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/466/KE) fil-Parti 4.2 għandhom jitħassru.

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1554 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-30 ta' April 2016, dejjem jekk ikunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

---

[1] ĠU L 247, 23.9.2015, p. 1.
[2] ĠU L 67, 9.3.2001, p. 65.
[3] ĠU L 305, 7.11.2002, p. 57.
[4] ĠU L 156, 25.6.2003, p. 61.
(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' April 2016.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Claude MAERTEN